



KUNSILL EWROPEW

**Brussell, 11 ta' Marzu 2011
(OR. en)**

EUCO 7/11

**CO EUR 5
CONCL 2**

NOTA TA' TIFSIR

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW STRAORDINARJU
11 ta' Marzu 2011**

DIKJARAZZJONI

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-Dikjarazzjoni adottata mill-Kunsill Ewropew straordinarju (11 ta' Marzu 2011).

DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

1. Il-Kunsill Ewropew iltaqa' illum f'sessjoni straordinarja biex jiddiskuti l-iżviluppi fil-Libja u fir-reġjun tal-Viċinat tan-Nofsinhar u biex jistabbilixxi d-direzzjoni politika u l-prijoritajiet għall-politika u azzjoni futuri tal-UE.
2. L-irvellijiet demokratiċi qed iġibu magħhom bidliet drammatiċi fil-Viċinat tan-Nofsinhar, waqt li qed joħolqu tama u opportunità ġodda biex jinbena futur ibbażat fuq id-demokrazija, il-pluraliżmu, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, u l-ġustizzja soċjali. Il-progress u d-demokrazija jimxu id f'id. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-kuraġġ muri min-nies tar-reġjun u jafferma mill-ġdid li għandhom ikunu huma li jiddeċiedu l-futur tagħhom permezz ta' mezzi paċifiċi u demokratiċi.
3. Il-pajjiżi kollha tar-reġjun jeħtieġ li jwettqu jew jaċċelleraw ir-riformi politiċi u ekonomiċi. L-Unjoni Ewropea ser tappoġġa l-passi kollha lejn bidla demokratika, sistemi politiċi li jippermettu bidla paċifika, tkabbir u prosperità u distribuzzjoni aktar proporzjonata tal-benefiċċji tal-prestazzjoni ekonomika. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon l-aħbar tar-Re tal-Marokk rigward l-istabbiliment ta' kumitat konsultattiv biex iħejji reviżjoni tal-kostituzzjoni li għandha tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni tal-poplu Marokkin. Il-progress mill-imsieħba lejn il-bidla jippromwovi l-appoġġ tal-UE. Peress li l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet demokratiċi b'saħħithom huwa wieħed mill-oġettivi prinċipali, aktar rabtiet parlamentari bejn l-Ewropa u r-reġjun huma tal-akbar importanza.

4. Dwar it-Tuneżija, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-aħbar li ser isiru elezzjonijiet għal assemblea kostitwenti fl-24 ta' Lulju 2011. F'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Tuneżini, l-UE hija lesta li ttipprovdi l-appoġġ meħtieġ f'dan ir-rigward, inkluż permezz ta' status avanzat għat-Tuneżija. Hekk kif l-awtoritajiet Tuneżini jkunu lesti, l-UE tkun disposta li toffri l-appoġġ biex jiġu ttrattati l-isfidi ekonomiċi u soċjali li qed tiffaċċja t-Tuneżija. L-Unjoni Ewropea ser tibqa' involuta fit-tul, bil-għan li tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali. Is-solidarjetà muriġja mill-poplu Tuneżin man-nies li qed jaħarbu mil-Libja jixirqilha l-akbar tifħir u appoġġ.
5. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa t-transizzjoni demokratika fl-Eġittu. Huwa jilqa' l-wasla fil-ħin tal-ewwel proposti biex tiġi emendata l-kostituzzjoni u jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Eġizzjani biex ikompli fl-impenn tagħhom għal riforma politika u biex joħlqu ambjent għal transizzjoni demokratika profonda, inkluż bit-tneħħija tal-istat ta' emerġenza. L-Unjoni Ewropea hija lesta timmobilizza l-appoġġ kollu tagħha f'konformità mal-prijoritajiet tal-poplu Eġizzjan u bdiet djalogu mal-gvern Eġizzjan li nħatar reċentement.
6. Is-sitwazzjoni fil-Libja tibqa' kawża ta' tħassib serju. Aħna nesprimu s-solidarjetà qawwiya tagħna mal-poplu Libjan u mal-vittmi. Nikkundannaw bil-qawwa r-repressjoni vjolenti li r-reġim Libjan juża kontra ċ-ċittadini tiegħu u l-vjolazzjoni gravi u sistematika tad-drittijiet tal-bniedem. Aħna nilqgħu r-Riżoluzzjoni 1970 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u r-riferiment tas-sitwazzjoni fil-Libja lill-Qorti Kriminali Internazzjonali. L-użu tal-forza, speċjalment b'mezzi militari, kontra l-popolazzjoni ċivili mhix aċċettabbli u għandha tieqaf immedjatament. Is-sikurezza tal-poplu għandha tkun żgurata b'kull mezz neċessarju. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar l-attakki kontra l-popolazzjoni ċivili, inkluż mill-ajru. Sabiex tiġi protetta l-popolazzjoni ċivili, l-Istati Membri ser jeżaminaw l-għażliet kollha meħtieġa, dment li jkun hemm hteġġa dimostrabbli, bażi legali ċara u appoġġ mir-reġjun. Dawk responsabbli ser ikollhom jagħtu kont ta' għemilhom u jiffaċċjaw konsegwenzi serji. Aħna ser naħdmu man-Nazzjonijiet Uniti, il-Lega Għarbija, l-Unjoni Afrikana u l-imsieħba internazzjonali tagħna biex nirrispondu għall-kriżi. Nappellaw għall-organizzazzjoni rapida ta' summit bejn il-Lega Għarbija, l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea.

7. Il-Kurunell Gaddafi għandu jirrinunzja għall-poter immedjatament. Ir-reġim tiegħu tilef il-leġittimità kollha u m'għadux interlokutur għall-UE. L-Unjoni Ewropea adottat miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tal-pajjiż u kontra entitajiet li jippossjedu assi mdaqqsqa kkontrollati mir-reġim u hija tinsab lesta li tadotta aktar sanzjonijiet.
8. L-oġġettiv huwa li l-Libja tagħti bidu rapidu għal transizzjoni ordnata lejn id-demokrazija permezz ta' djalogu fuq bażi wiesgħa. L-Unjoni Ewropea tilqa' u tinkoraġġixxi l-kunsill nazzjonali transizzjonali interim ibbażat f'Bengażi li hija tikkunsidrah bħala interlokutur politiku. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta biex tgħin lil-Libja tibni stat kostituzzjonali u tiżviluppa l-istat tad-dritt. Hija lesta twieġeb għal talbiet mill-poplu Libjan biex tassisti l-bidu mill-ġdid tal-ekonomija Libjana.
9. L-emerġenza umanitarja fil-Libja u fil-fruntieri tagħha qed tilħaq proporzjonijiet allarmanti, aggravata mill-movimenti migratorji kbar li jirriżultaw mill-avvenimenti. L-iżgurar tal-evakwazzjoni sikura ta' ċittadini tal-UE u ta' ċittadini oħra li jixtiequ jaħarbu mill-ġlied jibqa' prijorità. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri mmobilizzaw l-għajnuna umanitarja u huma impenjati biex ikomplu jgħinu lin-nies fil-Libja u lil dawk li qed jaqsmu l-fruntieri tagħha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati, l-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar/il-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar u organizzazzjonijiet non-governattivi. L-Unjoni Ewropea tappella lill-partijiet kollha kkonċernati biex jippermettu l-aċċess ta' aġenziji u operaturi umanitarji għal kwalunkwe żona fejn tkun meħtieġa l-għajnuna u hija tinsab lesta li tappoġġa l-ħidma tagħhom. Għal dan il-għan, l-Unjoni Ewropea ser issaħħaħ il-koordinazzjoni tagħha sabiex tipprovdi użu koerenti u effettiv tal-assi u l-kapaċitajiet, f'konformità mal-prinċipji umanitarji.

10. L-Istati Membri l-iktar ikkonċernati direttament minn movimenti migratorji jeħtieġu s-solidarjetà konkreta tagħna. L-UE u l-Istati Membri jinsabu lesti biex jipprovdu l-appoġġ meħtieġ skont kif tevolvi s-sitwazzjoni. L-UE, b'mod partikolari permezz tal-operazzjoni Hermes 2011 immedija mill-Frontex, ser tkompli tissorvelja mill-qrib l-impatt tal-avvenimenti fuq il-movimenti migratorji kemm fir-reġjun kif ukoll minnu. B'mod partikolari, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu aktar riżorsi umani u tekniċi lill-Frontex, kif meħtieġ. Il-Kummissjoni hija mistiedna li tagħmel aktar riżorsi diponibbli. Il-Kunsill Ewropew jappella għal ftehim rapidu li għandu jintlaħaq dwar ir-regolament li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-aġenzija.
11. L-Unjoni Ewropea ser tikkonsulta mal-pajjiżi tar-reġjun ikkonċernat dwar l-appoġġ finanzjarju u tekniku biex jitjiebu l-kontroll u l-amministrazzjoni tal-fruntieri u l-miżuri li jiffaċilitaw ir-ritorn ta' migranti fil-pajjiżi tal-orijini tagħhom. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill ĠAI biex jiltaqa' mingħajr dewmien. Barra minn hekk, il-Kunsill, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, huwa mistieden jippreżenta qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, pjan għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet biex jiġu ġestiti l-flussi ta' migrazzjoni u tar-refuġjati.
12. Għandu jiġi promoss approċċ komprensiv għall-migrazzjoni, konsistenti mal-Approċċ Globali tal-UE. F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea għandha wkoll twieġeb għall-isfida tal-mobbiltà u tippromwovi l-kuntatti bejn il-persuni, billi tuża strumenti bħas-sħubijiet ta' mobbiltà mal-imsieħba kollha li huma avvanzati biżżejjed fil-proċessi ta' riforma tagħhom u l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-immigrazzjoni irregolari. Il-Kummissjoni hija mistiedna tagħmel proposti biex tinkoraġġixxi l-iskambji bejn ż-żgħażaġh Ewropej u dawk tal-Mediterran tan-Nofsinhar.

13. Fuq livell aktar ġenerali, il-programmi eżistenti ta' sħubija u għajnuna ser jiġu riveduti malajr, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba tagħna fir-reġjun, sabiex jimmiraw aħjar għall-ħtiġijiet attwali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għandhom jagħtu prijorità lil approċċi ffukati fuq il-pajjiż u bbażati fuq il-prestazzjoni.
14. B'ħarsa lejn il-perijodu medju, il-Kunsill Ewropew jappella għal sħubija ġdida mar-reġjun, f'konformità mad-dikjarazzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2011. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' b'mod ġenerali l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli li tipproponi Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Kondiviża mal-Mediterran tan-Nofsinhar, abbażi fuq approċċ differenzjat u bbażat ta' l-inċentivi li jiġbor flimkien l-istrumenti kollha tal-UE. Din is-sħubija għandha wkoll tissejjes fuq integrazzjoni ekonomika aktar profonda, aċċess għal suq usa' u kooperazzjoni politika. Hija tappella lill-Kunsill biex jeżamina rapidament il-proposti li jinsabu fil-komunikazzjoni u b'mod partikolari l-kondizzjonijiet li taħthom jista' jissaħħaħ l-appoġġ tal-UE lill-imsieħba tagħha. Huwa jistenna b'interess il-komunikazzjoni li jmiss tagħhom dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat.
15. Ser ikun ukoll kruċjali li l-pajjiżi jingħataw il-mezzi biex jibnu mill-ġdid u jimmodernizzaw l-ekonomiji tagħhom. L-iżvilupp ekonomiku u l-prospetti ta' impjiegi, speċjalment għaż-żgħażaġh, huma tal-ogħla importanza kbira biex jistabbilizzaw id-demokrazija. Il-Kunsill għandu jaqbel urġentement dwar il-proposti pendenti fuq ir-regoli ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranji u l-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta proposti dwar aktar mezzi biex jissaħħu l-kummerċ u l-investment barrani dirett fir-reġjun f'terminu qasir, medju u twil. Huwa urġenti wkoll li s-settur tat-turiżmu fir-reġjun jerġa' jingħata l-ħajja. Il-Kunsill għandu jikkunsidra rapidament il-proposti tal-Kummissjoni dwar ir-rimborżi lill-Bank Ewropew tal-Investment u jħares lejn aktar possibiltajiet biex tiżdied il-kapaċità ġenerali tal-BEI għal appoġġ finanzjarju. Il-koordinazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn hija importanti.

16. Filwaqt li tislet tagħlimiet minn dak li ġara, l-Unjoni Ewropea tinsab lesta wkoll li terġa' teżamina l-missjonijiet tal-Unjoni għall-Mediterran, bil-għan li tippromwovi d-demokrazija u trawwem l-istabbiltà fir-reġjun. Għandha tingħata spinta ġdida lil miżuri u proġetti konkreti sabiex jissaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi, il-libertà tal-espressjoni, inkluż l-aċċess bla tfixkil għall-internet, sabiex jiġu rinforzati s-soċjetajiet ċivili, tiġi appoġġata l-ekonomija, jitnaqqas il-faqar u tiġi indirizzata l-inġustizzja soċjali.
17. L-Unjoni Ewropea hija konxja tal-impatt politiku u ekonomiku usa' ta' dawn l-avvenimenti fuq ir-reġjun usa' u tappella għar-riattivazzjoni tal-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.

=====